

Sib traduttur legali jew interpretu - Slovenja



Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna. Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: [sl](#) diġà ġew tradotti.

Din it-taqsimha tipprovdi lejn ħarsa ġenerali lejn il-bażi tad-dejta tat-tradutturi u l-interpreti tas-Slovenja.

X'joffri r-reġistru tat-tradutturi Sloven?

Il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Pubblika jżomm [Direttorju ta' Traduzzjonijiet u Interpretazzjonijiet Ġuramentati](#). Is-sistema ġuridika Slovena ma tidistingwix bejn interpreti u tradutturi f'materji ġudizzjarji. Kull min ikun ħa l-ġurament irid ikun kapaċi jagħmel kemm l-interpretazzjoni u kemm it-traduzzjoni.

L-aċċess għall-bażi tad-dejta tat-tradutturi Sloveni huwa mingħajr flus?

Iva, l-aċċess għall-bażi tad-dejta tat-tradutturi Sloveni huwa **mingħajr flus**.

Kif tagħmel tiftixa għal traduttur legali fis-Slovenja

Huwa possibbli li tagħmel tiftixa fil-bażi tad-dejta għal [tradutturi u interpreti marbuta bil-ġurament](#) li tkun ibbażata fuq il-kriterji tat-tiftix li ġejjin:

- Isem
- Lingwa
- Kodiċi postali/belt.

Ħoloq relatati

[Tradutturi jew interpreti b'ġurament](#)

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 16/02/2018